ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

StudentBounty.com

# IT-TIELET SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*OPTION*) IL-ĦIN: Siegħa u Nofs

**L-Isem: ______________________________ Il-Klassi: ____________**

**Din il-karta fiha ERBA' taqsimiet. L-istudenti huma mitluba jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA u jaqraw sew l-istruzzjonijiet għal kull taqsima. L-istudenti għandhom jiktbu t-tweġiba għal Taqsima D fuq karta separata.**

**Taqsima A: Aqra din is-silta sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA t'hawn taħt.**

*Gaurav, Gautam, Nisha, Vikas u Heena huma* teenagers *mill-Indja. Ilkoll jixtiequ jilagħbu bil-blalen, speċjalment jixtiequ jagħtu daqqa ta' sieq lill-ballun u jgħolluh mas-sema, iżda dan qatt mhu se jiġri għaliex huma jaħdmu madwar 10 sigħat kuljum u ġieli iżjed. Eluf ta' tfal bħalhom għadhom iħitu blalen tal-futbol għal ditti kbar. Minn studju li sar instab li, wara 12 sa 14-il siegħa xogħol, it-tfal ikunu ħietu mhux iktar minn żewġ blalen, u l-aktar li jitħallsu huwa madwar 8 ċenteżmi għal kull ballun. Jekk jagħmlu żball, titnaqqsilhom il-paga.*

*L-istudju jemfasizza l-perikli ewlenin għas-saħħa li jiffaċċjaw it-tfal. It-tfal intervistati kollha stqarrew dwar feriti u qtugħ f'subgħajhom filwaqt li ħafna minnhom kien għad għandhom feriti friski fuq subgħajhom. Ħafna minnhom m'għadhomx jaraw għax tilfu l-viżta minħabba li ilhom jaħdmu minn mindu kellhom 7 snin. L-ebda miżura ta' sigurtà jew kura medika ma tingħata mill-kuntratturi, u n-nuqqas ta' sistema ta' saħħa pubblika tkompli tgħarraq is-sitwazzjoni. Il-familji tagħhom huma fqar wisq biex jibagħtuhom l-iskola.*

*Fuq kull ballun huma jridu jwaħħlu tikketta li tgħid "child free labour". Il-ballun imbagħad jinbiegħ għal madwar 40 darba iżjed milli tħallsu t-tfal.*

**Adattat minn: www.laborrights.org**

**Mistoqsijiet**

1. (a) Għaliex qegħdin jaħdmu dawn it-tfal minflok imorru l-iskola?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

(b) Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' tbatija li qiegħed jikkaġuna x-xogħol li qegħdin jagħmlu?

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2 marki)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Il-faqar jista' jonqos bix-xogħol. Fil-każ ta' dawn it-tfal xorta waħda se jibqgħu fqa[illegible] qegħdin jaħdmu ħafna iktar milli jifilħu. Għaliex?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (4 marki)

3. Semmi u ddeskrivi **ŻEWĠ** organizzazzjonijiet internazzjonali li jaqbżu għad-drittijiet tat-tfal.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (4 marki)

4. (i) Kieku dawn it-tfal kienu Maltin taħseb li kienu jsibu ruħhom f'din is-sitwazzjoni? Għaliex?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

(ii) F'Malta, min jaqbeż għad-drittijiet :

(a) tat-tfal? ________________________________________ (2 marki)

(b) tal-ħaddiema? ____________________________________ (2 marki)

(iii) Għaliex it-tfal qed ikunu mitluba jwaħħlu t-tikketta *child free labour* fuq kull ballun? X'jidhirlek minn dan?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (2 marki)

5. Il-faqar huwa problema kbira kemm f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw kif ukoll f'dawk żviluppati. Ikkummenta.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

____________________________________________________________ (5 marki)

(**25 marka**)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima B: Aqra din is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA t'hawn**

*Żgur li l-tiġrif tal-minjiera tar-ram fiċ-Ċili u l-ħaddiema maqbuda fiha żammet lil ħafna imwaħħlin mat-televixin biex isegwu kif kienet qegħda tiżvolġi l-ġrajja. Għall-mezzi tax-xandir kienet opportunità kbira. Laqatna ħafna l-mod kif il-media wasslu l-istorja. Kien hemm 2,000 ġurnalist, 300 stazzjon tat-televiżjoni, netwerks internazzjonali bħall-BBC u s-CNN li waqqfu l-iskeda tas-soltu biex jiffukaw esklużivament fuq din il-ġrajja. Il-kwalità tal-iffilmjar u r-rappurtaġġ kienu wkoll impressjonanti – il-kameras kienu kullimkien: taħt l-art, fuq l-art, fil-kapsula li kienet tielgħa u nieżla. Din id-darba ma kinitx storja fittizja iżda traġedja ta' veru li spiċċat b'wiċċ il-ġid.*

*Imbagħad smajna d-dettalji dwar il-ħajja personali ta' kull ħaddiem. Rajna li minn ħaddiema umli saru stilel ta' pajjiżhom u internazzjonali. Ma naqsux ir-reklami dwar kull ħaġ'oħra li ngħatawlhom biex jużawhom. Ma naqsitx ukoll id-daħka tal-President taċ-Ċili, Pinera, li malajr sar eroj ta' niesu u famuż mad-dinja kollha. Rajna wkoll kif iċ-Ċili qisu ġie pajjiż trasformat – filli meta tgħid "Ċili" jiġi f'moħħok iż-żmien tad-dittatorjat u tal-militar ta' Augusto Pinochet li kien joqtol in-nies bl-addoċċ, f'salt wieħed iċ-Ċili sar pajjiż li jagħmel mill-aħjar biex isalva sal-anqas wieħed miċ-ċittadini tiegħu.*

*Imbagħad, fil-ferħ u s-sens ta' soljev inqasna milli nitkellmu dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema. Ma rridux ninsew li tqabbdu jaħdmu f'minjiera li kienet ingħalqet minħabba problemi ta' sigurtà. Imbagħad tela' l-prezz tar-ram u l-prezz tad-deheb u s-sidien ta' din il-minjiera reġgħu fetħuha.*

***Carmen Sammut fil-programm Stampa Ċara – RTK 16-10-10***

**Mistoqsijiet**

1. It-televiżjoni huwa mezz qawwi ta' xandir. Semmi **ŻEWĠ** raġunijiet għaliex.

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

________________________________________________________ (4 marki)

2. Ir-reklamar jista' jkun dirett jew indirett. Għaliex ir-reklamar huwa effettiv fuq l-udjenza?

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

________________________________________________________ (4 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Bħala riżultat tal-globalizzazzjoni din il-ġrajja tal-minjiera fiċ-Ċili intweriet mad-di
X'tifhem bi **globalizzazzjoni tax-xandir**?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (4 marki)

4. Fil-każ taċ-Ċili din il-ġrajja serviet ukoll biex biddlet l-opinjoni pubblika dwar dan il-pajjiż.

(i) X'tifhem b'opinjoni pubblika? ________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

(ii) Għaliex ir-rappurtaġġ estensiv li ngħata kien ta' opportunità f'waqtha għall-President?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (2 marki)

5. Il-media għandhom diversi funzjonijiet. Semmi **TLIETA** minnhom.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3 marki)

6. Semmi **vantaġġ** u **żvantaġġ** dwar l-użu tal-mezzi ta' komunikazzjoni li ġejjin:

**a) Ir-Radju**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**b) Il-Gazzetti**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**c) L-Internet**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

(6 marks)

**(25 marka)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Taqsima C: Wieġeb dawn il-mistoqsijiet KOLLHA fit-tul**.

1. X'tifhem b'**identità Maltija**? Din kif tissawwar?

(5 marki)

2. Ix-xogħol huwa importanti kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà. Ikkummenta.

(5 marki)

3. Għaliex il-pluraliżmu huwa parti integrali mid-demokrazija? Iċ-ċittadin kif jista' jagħmel użu tajjeb mill-pluraliżmu?

(5 marki)

4. Diversi servizzi tas-saħħa jingħataw mis-settur pubbliku, privat u dak volontarju. Ikkummenta dwar dan.

(5 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. Xi kultant fis-soċjetà jkun hemm nuqqas ta’ qbil. Għid kif dan jista’ jkun kemm po[...] ukoll negattiv.

____________________________________________________________________________ (5 marki)

(**25 marka**)

**Taqsima D: Ikteb bejn 200 u 250 kelma dwar WIEĦED minn dawn.**

1. It-teknoloġija biddlet il-ħajja tal-bniedem. Kif?
2. Il-konsumeriżmu huwa karatteristika tal-ħajja moderna. Ikkummenta.
3. Minkejja d-Dikjarazzjoni tad-Drittijiet Universali, mhux kull bniedem igawdi dawn id-drittijiet. Iddiskuti.
4. Kif tinbidel il-kultura maż-żmien? X’inhuma l-fatturi li jikkawżaw din il-bidla?

**(25 marka)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers